# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023

## Talba numru 212/2022 SFJ

## GO P.L.C. (C 22334)

**vs.**

**DEEPAK KANDEL (KI 21138 A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-21 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet is-segwenti:

> "*Illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, sitt mija, ħamsa w sittin ewro u tmienja w sittin ċenteżmu (EUR 1,665.68), in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 41000687;*
>
> *Illi nterpellat sabiex jgħaddi għall-ħlas imma l-konvenut baqa' inadepjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni, bl-ispejjes u d-drittijiet inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali, bir-referenza 2164/2021 u bl-imgħaxijiet legali.*"

It-Tribunal josserva illi saret traduzzjoni ta' dan l-Avviż sabiex jiġi notifikat il-konvenut biha.

Ġie osservat illi l-konvenut ġie notifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Ra illi l-konvenut ma ppreżentax risposta w lanqas biss deher għas-seduta.

Ra li fis-seduta tal-25 ta' April 2023, xehdet bil-ġurament Maryanne Camilleri, rappreżentanta tal-GO P.L.C. Ix-xhud iddikjarat illi l-konvenut għad fadallu jħallas is-somma ta' elf, sitt mija, ħamsa w sittin ewro u tmienja w sittin ċenteżmu (EUR 1,665.68), u għalhekk il-kawża ġiet diferita għas-sentenza. Hija rreferiet li l-ammont tal-bilanċ huwa, fir-rigward tal-kont 41000687.

**<u>Provi Mressqa w Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***<u>Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca</u>*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet".

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lix-xhud Maryanne Camilleri tixhed taħt ġurament, għar-rappreżemtanza tas-soċjeta' attriċi,GO P.L.C., it-Tribunal ma jsibx diffikulta' jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-avviż tat-talba.

**Deċide**

F'dan id-dawl tal-fatt, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elf, sitt mija, ħamsa w sittin ewro u tmienja w sittin ċenteżmu (EUR 1,665.68), bl-ispejjes u d-drittijiet inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali b'referenza 2164/21, kif ukoll bl-imgħaxx, li għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-Liġi, mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna wkoll illi l-ispejjes kollha ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**